MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2015

Mandat Numru. 145/2015/1

Daniela **GALEA SOUCHET**

vs

Jean **GALEA SOUCHET**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Ġunju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżomm lill-intimat żewġha milli "jagħti l-kunsens tiegħu bil-mod maħsub mil-Liġi u fl-istatut ossija *Memorandum and Articles of*

*Association* tas-soċjeta’ Cleland & Souchet Limited (C – 24996) għal żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ ossija *issued share capital* tal-istess soċjeta’ Cleland & Souchet Limited u kif ukoll milli jagħti l-kunsens tiegħu bil-mod maħsub mil-Liġi u fl-istatut ossija *Memorandum and Articles of Association* tas-soċjeta’ Cleland & Souchet Limited (C – 24996) għall-allokazzjoni ossija sottoskrizzjoni ta’ ishma ġodda lil terzi, inklużi l-azzjonisti kollha tas-soċjeta’ Cleland & Souchet Limited”;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Ġunju, 2015, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti b’mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-22 ta’ Lulju, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fis-7 ta’ Lulju, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa’ għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat billi qal li hija talba fiergħa u maħsuba biss biex iddejqu u biex tagħmel ħsara lill-kumpannija. Jilminta mill-fatt li għalkemm ir-rikorrenti ssemmi ċ-ċirkostanza tar-riżenja tiegħu minn direttur tal-istess kumpannija minn wara daharha, ma ssemmi xejn li, mqar sena qabel, għamlet l-istess haġa hi bla ma għarrfitu minn qabel b’dak li kellha f’moħħha li se’ tagħmel. Żied jgħid li l-Mandat ma huwiex mistħoqq għaliex ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi biex dan jista’ jsir;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, magħduda nota mressqa mir-rikorrenti waqt is-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Lulju, 2015, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qiegħda titlob li l-intimat jinżamm milli b’xi mod jagħti l-kunsens tiegħu li jiżdied il-kapital azzjonarju ta’ kumpannija jew milli jagħti l-kunsens tiegħu biex terzi, magħduda azzjonisti fl-istess kumpannija, jingħataw ishma ġodda fl-istess kumpannija;

Tqis li r-rikorrenti u l-intimat huma miżżewġin imma jgħixu għal rashom. Minħabba li bħalissa ż-żwieġ għaddej minn problemi bejniethom, inbdew

proċeduri quddiem din il-Qorti għall-firda personali[1]. Iż-żwieġ tagħhom huwa regolat mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti;

Tqis li l-kumpannija li dwarha r-rikorrenti ressqet din it-talba – Cleland & Souchet Limited – twaqqfet fl-1999, qabel ma r-rikorrenti u l-intimat kienu żżewġu (huma żżewġu f'Mejju tal-2000), imma matul is-snin, il-kapital azzjonarju tal-istess kumpannija kiber b'żidiet li kienu jsiru minn żmien għal żmien. L-ishma tal-kumpannija llum itellgħu s-somma kollha ta' kapital azzjonarju awtorizzat tal-kumpannija u huma mħallsa kollha ("*fully paid up*");

Tqis li l-intimat iżomm nofs l-ishma tal-imsemmija kumpannija li fiha hemm żewġ (2) azzjonisti oħrajn, li bejniethom għandhom ishma daqskemm għandu l-intimat[2]. Sa ftit ilu, l-intimat kien ukoll direttur tal-imsemmija kumpannija, minn liema kariga huwa kien irtira f'Ġunju ta' din is-sena. Huwa wkoll wieħed mis-segretarji tal-kumpannija. Ir-rikorrenti wkoll kienet għamlet żmien direttur tal-[3]kumpannija, imma irriżenjat mill-kariga f'Ġunju tal-2014[4];

Tqis li ntwera li, fid-dawl tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija, matul iż-żmien iż-żieda fil-kapital azzjonarju tagħha kien miżura li kienet tittieħed bil-ħsieb ta' finanzjament tar-rabtiet li l-kumpannija tkun daħlet għalihom u li dan il-metodu huwa wkoll meħtieġ u maħsub għall-ġejjieni;

Tqis li b'degriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2015[5], fuq talba ta' qraba tar-rikorrenti, kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-intimat ġew inibiti milli b'xi mod jittrasferixxu l-ishma li għandhom jedd għalihom fl-imsemmija kumpannija;

Tqis li l-Mandat li r-rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ tiegħu llum huwa wieħed "ġenerali" maħsub taħt l-artikolu 873 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Ma tressaqx taħt l-artikolu 876;

Tqis, għalhekk, li ladarba r-rikorrenti ressqet it-talba tagħha taħt is-sura tal-Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali", hija trid twettaq il-ġustifikazzjoni tat-talba tagħha skond dik l-għażla;

[1] Rik. Nru. 141/15RGM u mqiegħda għas-smigħ għat-22.9.2015
[2] Dok "B", f'paġġ. 13 sa 21 tal-atti
[3] Dok "D", f'paġ. 27 tal-atti
[4] Dok "A", f'paġ. 12 tal-atti
[5] Dok "Ċ", f'paġġ. 22 – 6 tal-atti

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[6];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[7]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[8];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[9]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li jkun għandu fil-waqt li ressaq it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li ladarba t-talba tar-rikorrenti hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-fatt li hija trid tħares l-interessi tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti u ssemmi l-biżgħa li titlef tali ħarsien jekk kemm-il darba ma kellhiex tintlaqa' t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat, jikkostitwixxi fil-

[6] Art. 873(1) tal-Kap 12
[7] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[8] Art. 875(3) tal-Kap 12
[9] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

fehma ta’ din il-Qorti, t-tismija tal-pretensjoni li l-liġi titlob mir-rikorrenti. L-għamla ta’ rimedju mitlub huwa wieħed konservattiv tal-istat ta’ fatti u dak li jista’ jintalab bis-saħħa tal-Mandat “speċjali” taħt l-artikolu 876 m’għandux ma jkunx ukoll jista’ jintalab bis-saħħa tal-Mandat “ġenerali” taħt l-artikolu 873, jekk kemm-il darba jintwerew l-elementi meħtieġa li ssemmew qabel;

Tqis li l-liġi tħares il-“jedd” *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta’[10], disaġju jew tħassib;

Tqis li l-jedd *prima facie* li r-rikorrenti tippretendi li għandha f’dan ir-rigward hu dak li jitħares l-interess tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti b’mod partikolari li l-ġid li jagħmel mill-istess komunjoni ma jitteħidx jew jgħaddi għand ħaddieħor jew li jitnaqqas hekk il-valur tiegħu li jiġi ma jiswiex, jinġieb fix-xejn jew jiġi jiswa anqas;

Tqis li l-intimat jisħaq li l-għemil li r-rikorrenti trid iżżommu milli jwettaq ma huwiex għemil bi ksur tal-liġi u għalhekk ma għandha l-ebda jedd li twaqqfu milli jagħżel li jagħmlu, l-aktar jekk b’dak l-għemil tkun qiegħda tinżamm f’saħħitha l-kumpannija u b’hekk tingħata l-garanzija lill-istess rikorrenti dwar is-sehem tagħha mill-ishma tal-istess kumpannija;

Tqis madankollu, li jekk kemm-il darba sehem l-intimat mill-kapital azzjonarju jiddgħajjef bil-ħruġ ta’ ishma ġodda favur ħaddieħor (imqar jekk dak il-ħaddieħor ikun diġa’ azzjonist tal-kumpannija), ma jkun jiswielha xejn ir-rikorrenti li saħħet il-kumpannija tkun inżammet ’il fuq, għaliex fl-istess waqt ikun iddgħajjef sehemha mill-istess kumpannija, f’dak li jirrigwarda t-teħid ta’ deċiżjonijiet fid-dawl ta’ dak li jistabilixxi l-istatut tal-istess kumpannija;

Tqis li, għalhekk, minn dan l-aspett, ir-rikorrenti seħħilha turi li għandha jedd mad-daqqa t’għajn xi tħares safejn f’każ taż-żieda fil-kapital azzjonarju tal-kumpannija l-intimat jagħti l-kunsens tiegħu bla ma jieħu sehem proporzjonali f’tali żieda;

Tqis ukoll li r-rikorrenti wriet li l-jedd mad-daqqa t’għajn li wriet li għandha jixraq li jkun imħares. Kif ingħad qabel, jekk kemm-il darba l-liġi tagħti lil persuna li għamlet jew tkun ser tagħmel quddiem din il-qorti kawża għall-firda personali l-jedd għaldaqshekk biss li titlob li toħroġ Mandat, allura

[10] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

dan ifisser li f'għajnejn il-liġi dan huwa jedd "*prima facie*" tajjeb biżżejjed biex talba bħal dik tintlaqa';

Tqis li l-element tal-jedd mad-daqqa t'għajn jirriżulta li huwa soddisfatt, b'dan illi l-Qorti qiegħda tifhem li l-intimat ma għandux jinżamm milli jagħti l-kunsens tiegħu għal żieda fil-kapital tal-kumpannija jew għall-ħruġ u l-allokazzjoni ta' ishma ġodda fiha fejn tali żieda u tali ħruġ jew allokazzjoni ma jnaqqsux jew ma jċekknux is-sehem (perċentwali) tal-ishma tiegħu fil-kumpannija minn dak li huwa bħalissa (jiġifieri l-ħamsin fil-mija, 50%);

Tqis li dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-għemil li r-rikorrenti trid iżżomm lill-intimat milli jwettaq, il-Qorti ssib li dan l-element jirriżulta wkoll. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[11], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, f'dan il-każ, il-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat tirriżulta għaliex, minkejja d-dikjarazzjoni tal-intimat li mhux fi ħsiebu li jagħmel xejn li jmur kontra l-liġi, jekk kemm-il darba kellu joħroġ li sehemu fil-kumpannija jinżel għal anqas minn dak li huwa llum, jew jekk kemm-il darba, l-għadd ta' ishma f'idejn l-azzjonisti l-oħrajn jew azzjonisti ġodda jilħaq it-tmenin fil-mija (80%) bejniethom, l-ishma tal-intimat (u li minnhom tgawdi wkoll ir-rikorrenti) jitilfu s-siwi tagħhom b'mod li ma jistax jitreġġa' lura. Jekk isir hekk, lir-rikorrenti jkun qiegħed iġibilha ħsara li ma tissewwiex mod ieħor. Il-fatt li l-intimat jallega li fil-komunjoni hemm ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti ma jżommx b'daqshekk mis-siwi tat-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat u wisq anqas mill-ħtieġa tiegħu;

Tqis li wieħed m'għandux jinsa li t-talba tal-Mandat tal-lum hija waħda li hija maħsuba li tikkonserva bla mittiefes u fl-istat attwali l-ġid tal-komunjoni li għalih il-Mandat jista' jirreferi. Min-naħa l-oħra, minħabba li l-Mandat jitkellem dwar ħwejjeġ speċifiċi u mhux b'mod ġeneriku, l-intimat ma jistax jilminta li kull ġid huwa milqut u li huwa ma jistax idur għal ġid ieħor tal-komunjoni biex jissoddisfa l-ħtiġijiet tiegħu u biex jinqeda bi ħwejġu;

[11] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

Tqis ukoll li din il-ħtieġa tintrabat mal-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq imsemmi, u tista' titqies b'komplimentari għaliha u mhux bla bżonn għal dak li jipprovdi l-istess degriet;

Tqis għalhekk li ntwera tajjeb biżżejjed li dan l-element mitlub mil-liġi jirriżulta wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat** ladarba jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, u dan fil-limitazzjonijiet hawn fuq imfissrin, bl-**ispejjeż** kontra l-intimat.

Mogħti kameralment illum, it-Tnejn, 27 ta' Lulju, 2015.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------